

Partijiet oħra fil-proċedura: Plásticos Españos, S.A. (ASPLA), Armando Álvarez S.A. u Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

- tannulla l-punt 1 tad-dispożittiv tas-sentenza appellata;
- tiċħad bħala infodata t-talba magħmula minn ASPLA u Armando Álvarez fl-ewwel istanza, sabiex jiksbu somma ta' EUR 3 495 038,66 bħala kumpens għad-dannu li ġie kkawżat lilhom peress li ma kienx hemm terminu raġonevoli tas-sentenza u;
- tikkundanna lil ASPLA u Armando Álvarez għall-ispejjeż.

Aggravji u argumenti prinċipali

1. **L-ewwel aggravju** huwa bbażat fuq żball ta' liġi fl-interpretazzjoni tal-kunċett ta' relazzjoni ta' kawżalitā, peress li l-Qorti Ġeneralis qieset li n-nuqqas ta' osservanza tat-terminu raġonevoli ta' sentenza kkostitwixxa r-raġuni determinanti tal-allegat dannu materjali li jikkonsisti fil-ħlas tal-ispejjeż ta' garanzija bankarja, meta, skont ġurisprudenza stabbilita, ir-raġuni determinanti tal-ħlas ta' dawn l-ispejjeż hija l-għażla tal-impriża stess li ma tħallasx il-multa matul il-proċeduri quddiem il-qrati tal-Unjoni.
2. **It-tieni aggravju** huwa bbażat fuq żball ta' liġi fl-interpretazzjoni tal-kunċett ta' dannu, peress li l-Qorti Ġeneralis ma applikatx għall-allegat dannu materjali li ġej mill-ħlas tal-ispejjeż tal-garanzija bankarja l-istess kundizzjoni li imponiet fir-rigward tal-allegat dannu materjali li ġej mill-ħlas tal-interessi fuq il-multa, jiġifieri li r-rikorrenti fl-ewwel istanza għandhom juru li l-piż finanzjarju li jirriżulta minn dan l-aħħar ħlas kien oħla mill-benefiċċju li setgħu jieħdu min-nuqqas ta' hħlas tal-multa.

Digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-28 ta' Frar 2017 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunale civile di Roma – l-Italja) – X vs Presidenza del Consiglio dei Ministri

(Kawża C-167/15)⁽¹⁾

(2017/C 161/22)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ordna t-tħassir tal-kawża.

⁽¹⁾ ĠU C 245, 27.7.2015.

Digriet tal-President tat-Tieni Awla tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-10 ta' Marzu 2017 (talba għal deċiżjoni preliminari tas-Supremo Tribunal de Justiça – il-Portugal) – Sociedade Metropolitana de Desenvolvimento SA vs Banco Santander Totta SA

(Kawża C-136/16)⁽¹⁾

(2017/C 161/23)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

Il-President tat-Tieni Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

⁽¹⁾ ĠU C 165, 10.5.2016.